**MALTA**

## TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tas-16 ta' Frar, 2018**

**Talba Numru: 485/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 36**

**Lorraine Borg (ID02190685M)**
**178, Rose Flat, Flat 2,**
**Constitution Street,**
**Mosta**
**Vs**
**David Borg (ID448278M)**
**23, Triq il-Helsien,**
**Hal Qormi**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-18 ta' Ottubru, 2107 li permezz tieghu l-attrici talbet minghand il-konvenut is-somma ta' seba' mija u hamsin ewro (€750) liema somma tirraprezenta manteniment ghat-tifla minuri Laura Borg ta' seba' snin ghax-xhur ta' Gunju, Lulju u Awwissu, 2017 bir-rata mensili ta' mitejn u hamsin

ewro (€250) liema rata giet dekretata mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja datat 29 ta' Awwissu, 2017.

Ra r-risposta tal-konvenut li permazz taghha eccepixxa li li huwa dejjem ottempera ruhu mad-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Awwissu, 2017 u li tali manteniment beda jkun dovut minn dakinhar tad-digriet u mhux b'lura stante li tali digriet ma jkoprix ix-xhur ta' Gunju, Lulju u Awwissu u ghalhekk ma humiex dovuti.

Ra l-verbal tal-10 ta' Novembru, 2017 li permezz tieghu l-avukat tal-attur Dr Keith Borg ddikjara li mhux kontestat li fix-xhur ta' Gunju, Lulju u Awwissu tas-sena li ghaddiet ma sarx hlas ta' manteniment in kwantu dawn ix-xhur ma kinux koperti bid-digriet tal-Qorti tal-Familja tad-29 ta' Awwissu, 2017 u fl-istess seduta l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet fejn l-attrici qed tikkontendi li qed tibbaza t-talba taghha fuq l-Artikoli 3 u 7 tal-Kodici Civili u fuq l-ekwita' filwaqt li l-konvenut rega kkontenda dak li gie verbalizzat mill-avukat tieghu fil-verbal tas-seduta precedenti.

Ra d-digriet tad-29 ta' Awwissu, 2017 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Ikkonsidra

Li bhala stat ta' fatt hemm qbil bejn il-partijiet li d-digriet tal-manteniment tad-29 ta' Awwissu, 2017 mhux retroattiv u li ghal perjodu mitlub f'din il-kawza manteniment ghal minuri ma thallasx mill-konvenut. Ir-raguni li jaghti l-konvenut hija li ma kellux ordni tal-Qorti biex jaghmel dan. L-attrici mill-banda l-ohra taghmel referenza ghall-Artikoli 3 u 7 tal-Kodici Civili u ghal principju tal-ekwita'.

L-Artikolu 3 tal-Kodici Civili jghid specifikatament hekk:

"(3) Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja."

U l-Artikolu 7 tal-Kodici Civili jghid kontestwalment hekk:
"(7) (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3B.

(2) Meta ma hemmx il-ġenituri, jew jekk dawn ma jkollhomx mezzi biżżejjed, id-dmir tal-manteniment u tal-edukazzjoni tal-ulied jaqa' fuq l-axxendenti l-oħra."

Dan it-Tribunal ghalhekk irid jikkunsidra ghandux jedd jiddeciedi talba ghal hlas ta' manteniment meta ma hemmx ordni ghal daqshekk mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Fis-sentenza tal-01 ta' April, 2016 moghtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) per Imhallef Anthony Ellul Appell numru: 42/2014AE fl-ismijiet: Joline sive Joelene Pace Vs Simon Pace, il-Qorti qalet specifikatament hekk:

"Il-Qorti hi tal-fehma li t-Tribunal ma kellu l-ebda jedd jiddeciedi li l-attrici ghandha taghmel tajjeb ghal nofs l-ispejjez li l-konvenut jghid li ghamel fl-interess tat-tifla matul il-perjodu li kienet qeghda tghix mieghu. Dik hi materja li taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) Sezzjoni tal-Familja u zgur mhux tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar (ara Legislazzjoni Sussidjarja 12.19 (regolament 4) u Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 2 introdotti bl-Avviz Legali 396 u 297 tal-2003) Bil-mod li ddecieda t-Tribunal iddetermina li l-appellanti ghandha obbligu li thallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri, meta hu maghruf li l-manteniment ghandu jigi determinat wkoll a bazi tal-mezzi tal-genituri (Artikolu 3B tal-Kodici Civili). Haga li f'kull kaz m'ghandux il-gurisdizzjoni biex jikkunsidra u jiddeciedi dwarha. It-Tribunal ghandu ragun li l-konvenut ghamel sew li pprovda dak li kellha bzonn bintu, pero' jekk ried rimedju kellu jirrikorri quddiem il-Qorti tal-Familja. 'Il fatt li hallas xi spejjez fl-interess ta' bintu ma jfissirx li l-attrici ghandha obbligu thallas nofshom. Dik hi materja li ghandha taraha l-Qorti tal-Familja li quddiemha jkun qieghed jinstema' l-kaz ta' separazzjoni. Fil-kaz in ezami rrizulta li l-hlas li jippretendi l-konvenut jirreferi ghall-perjodu meta l-kaz kien diga' quddiem il-Qorti tal-Familja. Il-pretensjoni tal-konvenut tinkludi spejjez relatati mal-lezjonijiet taz-zfin tat-tifla ghall-perjodu April sa Gunju 2014. Pero' min-naha l-ohra l-attrici qalet li hallset ghat-term precedenti u fil-fatt

ipprezentat kopja ta' cekkijiet (Dok JP1 a fol. 54). Fatt li ghalkemm mhuwiex kontestat, jidher li t-Tribunal ma kkunsidrahx. Fi kwistjonijiet bhal dawn l-affarijiet ma jistghux jigu trattati b'mod izolat imma hemm bzonn li jigi kkunsidrat l-ispektrum shih u dan jista' jsir biss quddiem il-Qorti tal-Familja. Fic-cirkostanzi d-decizjoni mhix bazata fuq l-ekwita' skont il-ligi (Artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380), li wara kollox tfisser li t-Tribunal irid jiddeciedi skont il-ligi, gialadarba t-Tribunal iddecieda fuq materja li ope legis hi ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri), Sezzjoni tal-Familja."

It-Tribunal ghalkemm jifhem l-umiljazzjoni li hafna drabi jkollhom jghaddu minnu ġenituri bhall-attrici li tispicca thallas ghat-trobbija ta' wliedha kollox hi minhabba li ma hemmx digriet retroattiv tal-Qorti kompetenti jew nuqqas li naraw fis-sistema legali taghha li l-genitur l-iehor li jibqa ma jmantnix lill uliedu ghax ma ghandux digriet tal-Qorti,  jibqa scott free, izda dan it-Tribunal huwa marbut bil-ligi u bl-ordni pubbliku u ghalhekk ma jistghax lanqas kieku jrid jilqa' t-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**